Nru. 17,557
Prezz 16ċ
Price 16c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 24 ta' Marzu, 2004
Wednesday, 24th March, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

ANNO DOMINI 2004 NRU. VII ANNO DOMINI 2004 NO. VII

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) GEORGE HYZLER
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fl-24 ta' Marzu, 2004, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., TABIB, qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 24 ta' Marzu, 2004.

B'Awtorità.

(Iff.) LAWRENCE GONZI
Prim Ministru

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) GEORGE HYZLER
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 24th day of March, 2004, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., DOCTOR OF MEDICINE, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 24th day of March, 2004.

By Authority.

(Sd.) LAWRENCE GONZI
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 314

ĦATRA TA' MINISTRI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 80 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, fit-23 ta' Marzu, 2004, ħatar lil Dott. Tonio Borg LL.D., M.P., Dott. Louis Galea B.A., LL.D., M.P., is-Sur John Dalli F.C.C.A., C.P.A., M.B.I.M., M.P., Dott. Francis Zammit Dimech LL.D., M.A., M.P., is-Sur Ċensu Galea B.E.&A., A.&C.E., M.P., is-Sur Ninu Zammit B.A.Arch., B.Arch.(Hons.), A.&C.E., M.P., is-Sinjura Giovanna Debono B.A. (Educ.), M.P., Dott. Louis Deguara M.D., M.P., Dott. Austin Gatt LL.D., M.P., is-Sur George Pullicino B.E.&A.(Hons.), A.&C.E., M.P., is-Sur Jesmond Mugliett B.E.&A.(Hons.), A.&C.E., M.P. u s-Sinjura Dolores Cristina B.A. (Hons.), M.P., biex ikunu Ministri kif ġej:

Dott. Tonio Borg LL.D., M.P.
Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern

Dott. Louis Galea B.A., LL.D., M.P.
Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg

Is-Sur John Dalli F.C.C.A., C.P.A., M.B.I.M., M.P.
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Promozzjoni ta' Investiment

Dott. Francis Zammit Dimech LL.D., M.A., M.P.
Ministru għat-Turiżmu u Kultura

Is-Sur Ċensu Galea B.E.&A., A.&C.E., M.P.
Ministru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni

Is-Sur Ninu Zammit B.A.Arch., B.Arch.(Hons.), A.&C.E., M.P.
Ministru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura

Is-Sinjura Giovanna Debono B.A. (Educ.), M.P.
Ministru għal Għawdex

Dott. Louis Deguara M.D., M.P.
Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Dott. Austin Gatt LL.D., M.P.
Ministru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Investiment

Is-Sur George Pullicino B.E.&A.(Hons.), A.&C.E., M.P.
Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

GOVERNMENT NOTICES

No. 314

APPOINTMENT OF MINISTERS

IN exercise of the powers conferred by Section 80 of the Malta Constitution, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, has, on the 23rd March, 2004, appointed Dr Tonio Borg LL.D., M.P., Dr Louis Galea B.A., LL.D., M.P., Mr John Dalli F.C.C.A., C.P.A., M.B.I.M., M.P., Dr Francis Zammit Dimech LL.D., M.A., M.P., Mr Ċensu Galea B.E.&A., A.&C.E., M.P., Mr Ninu Zammit B.A.Arch., B.Arch.(Hons.), A.&C.E., M.P., Mrs Giovanna Debono B.A.(Educ.), M.P., Dr Louis Deguara M.D., M.P., Dr Austin Gatt LL.D., M.P., Mr George Pullicino B.E.&A.(Hons.), A.&C.E., M.P., Mr Jesmond Mugliett B.E.&A.(Hons.), A.&C.E., M.P. and Mrs Dolores Cristina B.A. (Hons.), M.P., to be Ministers as follows:

Dr Tonio Borg LL.D., M.P.
Deputy Prime Minister, Minister for Justice and Home Affairs

Dr Louis Galea B.A., LL.D., M.P.
Minister of Education, Youth and Employment

Mr John Dalli F.C.C.A., C.P.A., M.B.I.M., M.P.
Minister of Foreign Affairs and Investment Promotion

Dr Francis Zammit Dimech LL.D., M.A., M.P.
Minister for Tourism and Culture

Mr Ċensu Galea B.E.&A., A.&C.E., M.P.
Minister for Competitiveness and Communications

Mr Ninu Zammit B.A.Arch., B.Arch.(Hons.), A.&C.E., M.P.
Minister for Resources and Infrastructure

Mrs Giovanna Debono B.A. (Educ.), M.P.
Minister for Gozo

Dr Louis Deguara M.D., M.P.
Minister of Health, the Elderly and Community Care

Dr Austin Gatt LL.D., M.P.
Minister for Information Technology and Investment

Mr George Pullicino B.E.&A.(Hons.), A.&C.E., M.P.
Minister for Rural Affairs and the Environment

Is-Sur Jesmond Mugliett B.E.&A.(Hons.), A.&C.E., M.P.
Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq

Is-Sinjura Dolores Cristina B.A. (Hons.), M.P.
Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali

It-23 ta' Marzu 2004
(COF/507/2004)

Mr Jesmond Mugliett B.E.&A.(Hons.), A.&C.E., M.P.
Minister for Urban Development and Roads

Mrs Dolores Cristina B.A. (Hons.), M.P.
Minister for the Family and Social Solidarity

23rd March 2004

Nru. 315

**ĦATRA TA'
SEGRETARJI PARLAMENTARI**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 88 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, b'seħħ mit-23 ta' Marzu, 2004, ħatar lil Dott. Anthony Abela N.P., N.D., M.P., Dott. Carmelo Mifsud Bonnici LL.D., M.P., is-Sur Tonio Fenech B.A. (Hons) Accty, F.M.I.A., C.P.A.A., Dott. Michael Frendo LL.D., LL.M., M.P., is-Sur Edwin Vassallo M.P., is-Sinjura Helen D'Amato M.P., Dott. Francis Agius M.D., M.Sc., M.P., bħala Segretarji Parlamentari biex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom kif ġej:

Dott. Anthony Abela N.P., N.D., M.P., Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru;

Dott. Carmelo Mifsud Bonnici LL.D., M.P., Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern;

Is-Sur Tonio Fenech B.A. (Hons) Accty, F.M.I.A., C.P.A.A., Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Finanzi;

Dott. Michael Frendo LL.D., LL.M., M.P., Segretarju Parlamentari fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin u Promozzjoni ta' Investiment;

Is-Sur Edwin Vassallo M.P., Segretarju Parlamentari għal Negozji Żgħar u s-*Self-employed* fil-Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni;

Is-Sinjura Helen D'Amato M.P., Segretarju Parlamentari għall-Anzjani u l-Kura fil-Komunità fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità;

Dott. Francis Agius M.D., M.Sc., M.P., Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura u Sajd fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

It-23 ta' Marzu, 2004
(COF/506/2004)

No. 315

**APPOINTMENT OF
PARLIAMENTARY SECRETARIES**

IN exercise of the powers conferred by Section 88 of the Malta Constitution, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, with effect from the 23rd March, 2004, has appointed Dr Anthony Abela N.P., N.D., M.P., Dr Carmelo Mifsud Bonnici LL.D., M.P., Mr Tonio Fenech B.A.(Hons) Accty, F.M.I.A, C.P.A.A., Dr Michael Frendo LL.D., LL.M., M.P., Mr Edwin Vassallo M.P., Mrs Helen D'Amato M.P., Dr Francis Agius M.D., M.Sc., M.P., as Parliamentary Secretaries to perform their functions as follows:

Dr Anthony Abela N.P., N.D., M.P., Parliamentary Secretary in the Office of the Prime Minister;

Dr Carmelo Mifsud Bonnici LL.D., M.P., Parliamentary Secretary in the Ministry of Justice and Home Affairs;

Mr Tonio Fenech B.A.(Hons) Accty, F.M.I.A, C.P.A.A., Parliamentary Secretary in the Ministry of Finance;

Dr Michael Frendo LL.D., LL.M., M.P., Parliamentary Secretary in the Ministry of Foreign Affairs and Investment Promotion;

Mr Edwin Vassallo M.P., Parliamentary Secretary for Small Business and the Self-employed in the Ministry for Competitiveness and Communications;

Mrs Helen D'Amato M.P., Parliamentary Secretary for the Elderly and Community Care in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care;

Dr Francis Agius M.D., M.Sc., M.P., Parliamentary Secretary for Agriculture and Fisheries in the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

23rd March 2004

Nru. 316

ASSENJAMENT LILL-MINISTRI TA' RESPONSABBILTÀ DWAR XOGĦOL TAL-GVERN TA' MALTA

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 82 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, assenja lill-Ministri responsabbiltà dwar kull xogħol tal-Gvern ta' Malta, magħduda l-amministrazzjoni tad-Dipartimenti tal-Gvern kif ġej:–

Prim Ministru
Servizz Pubbliku

Ko-ordinazzjoni Interna ta' l-Unjoni Ewropea
Ko-ordinazzjoni ta' l-Ippjanar u Prijoritajiet

Informazzjoni

Awditjar Intern u Investigazzjonijiet
Central Information Management Unit
Management Efficiency Unit
Stamperija tal-Gvern

Difiża
Forzi Armati

Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali

Ministru tal-Finanzi
Finanzi
Uffiċċju tal-*Budget*
It-Teżor
Taxxi Interni
Tassazzjoni Indiretta
Dwana u Sisa
Kuntratti

Politika Ekonomika

Relazzjonijiet mal-Bank Ċentrali
Regolamenti Finanzjarji

Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta

Viċi Prim Ministru, Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern u Kap tal-Kamra tad-Deputati
Affarijiet Parlamentari

No. 316

ASSIGNMENT TO MINISTERS OF RESPONSIBILITY FOR THE BUSINESS OF THE GOVERNMENT OF MALTA

IN exercise of the powers conferred by Section 82 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, has assigned to Ministers responsibility for the business of the Government of Malta, including the administration of Departments of Government, as follows:–

Prime Minister
Public Service

EU Internal Co-ordination
Planning and Priorities Co-ordination

Information

Internal Audit & Investigations
Central Information Management Unit
Management Efficiency Unit
Government Printing Press

Defence
Armed Forces

Malta Council for Economic and Social Development

Minister of Finance
Finance
Budget Office
The Treasury
Inland Revenue
Indirect Taxation
Customs and Excise
Contracts

Economic Policy

Relations with Central Bank
Financial Regulation

Malta Statistics Authority

Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs and Leader of the House of Representatives
Parliamentary Affairs

Qrati tal-Ġustizzja	Courts of Justice
Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali	Attorney General's Office
Gvern Lokali	Local Government
Pulizija	Police
Immigrazzjoni	Immigration
Sigurtà fl-Ajruport	Airport Security
Servizzi Korrettivi	Correctional Services
Protezzjoni Ċivili	Civil Protection
Passaporti	Passports
Karti ta' l-Identità	ID Cards
Affarijiet ta' Ċittadinanza u Nies Barranin	Citizenship and Expatriate Affairs
Artijiet	Land
Uffiċċju Konġunt	Joint Office
Nutar tal-Gvern	Notary to Government
Reġistru Pubbliku	Public Registry
Reġistru ta' l-Artijiet	Land Registry
Reġistrazzjoni Ċivili	Civil Registration

Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Edukazzjoni għall-Impjieg

Minister of Education, Youth and Employment Education

Edukazzjoni Oghla (tinkludi l-MCAST u Studji dwar it-Turiżmu)	Higher Education (including MCAST and Tourism Studies)
Politika dwar Xjenza u Teknoloġija	Science and Technology Policy
Eżamijiet	Examinations
Żgħażagħ	Youth
Sport u Kumplessi Sportivi	Sport and Sport Complexes
Impjiegi u Taħriġ	Employment and Training
Relazzjonijiet Industrijali u ta' Impjieg	Industrial and Employment Relations
Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol	Occupational Health and Safety
Koperattivi	Co-operatives
Libreriji u Arkivji	Libraries and Archives

Ministru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni ta' Investiment

Minister of Foreign Affairs and Investment Promotion

Relazzjonijiet ma' l-Unjoni Ewropea	Relations with the European Union
Relazzjonijiet ma' Pajjiżi Barranin u tal-*Commonwealth*	Relations with Foreign and Commonwealth Countries
Relazzjonijiet ma' Organizzazzjonijiet u Istituzzjonijiet Internazzjonali	Relations with International Organisations and Institutions
Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali	International Economic Relations
Kummerċ Barrani	External Trade
Promozzjoni ta' Investiment	Investment Promotion
Informazzjoni dwar l-UE	EU Information
Malta Enterprise	Malta Enterprise

Ministru għat-Turiżmu	**Minister for Tourism and Culture**
Turiżmu	Tourism
Kultura u Arti	Culture and the Arts
Wirt Kulturali	Cultural Heritage
Teatri u Dar il-Mediterran għall-Konferenzi	Theatres and Mediterranean Conference Centre
Orkestra Nazzjonali	National Orchestra
Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni	**Minister for Competitiveness and Communications**
Politika tal-Kompetizzjoni	Competition Policy
Negozji Żgħar u s-*Self Employed*	Small Business and the Self-Employed
Servizzi ta' Kummerċ	Trade Services
Ħarsien tal-Konsumatur	Consumer Protection
Awtorità Maltija dwar *Standards*	Malta Standards Authority
Proprjetà Intellettwali	Intellectual Property
Avjazzjoni Ċivili	Civil Aviation
Awtorità Marittima ta' Malta	Malta Maritime Authority
Awtorità dwar il-Komunikazzjoni	Malta Communications Authority
Telegrafija mingħajr Fili	Wireless Telegraphy
Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura	**Minister for Resources and Infrastructure**
L-Awtorità Maltija għar-Riżorsi	Malta Resources Authority
Tiftix għaż-Żejt	Oil Exploration
Kunsill Konsultattiv għall-Industrija tal-Bini	Building Industry Consultative Council
Manifattura u Servizzi	Manufacturing and Servicing
Kostruzzjoni u Manutenzjoni	Construction and Maintenance
Indafa Pubblika	Public Cleansing
Ministru għal Għawdex	**Minister for Gozo**
Affarijiet dwar Għawdex	Gozo Affairs
Ministru tas-Saħħa, ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità	**Minister of Health, the Elderly and Community Care**
Saħħa	Health
Anzjani u Kura fil-Komunità	Elderly and Community Care
Ministru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Investiment	**Minister for Information Technology and Investment**
Investimenti tal-Gvern, li jinkludu:	Government Investments, including:
Air Malta p.l.c.	Air Malta p.l.c.
Maltacom p.l.c.	Maltacom p.l.c.
Malta Shipyards	Malta Shipyards
Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma	Water Services Corporation
Korporazzjoni Enemalta	Enemalta Corporation

Malta Freeport Corporation	Malta Freeport Corporation
Public Broadcasting Services	Public Broadcasting Services
Privatizzazzjoni	Privatisation
Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Komunikazzjoni	Information and Communications Technology
Protezzjoni u Privatezza tad-Data	Data Protection
Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent	**Minister for Rural Affairs and the Environment**
Żvilupp Rurali	Rural Development
Agrikoltura	Agriculture
Ortikoltura	Horticulture
Sajd	Fisheries
Akwakultura	Aquaculture
Servizzi Veterinarji	Veterinary Services
Ambjent	Environment
Implimentazzjoni ta' l-Istrateġija dwar l-Immaniġġjar ta' l-Iskart	Waste Management Strategy Implementation
L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar	Malta Environment and Planning Authority
Ministru għal Żvilupp Rurali u Toroq	**Minister for Urban Development and Roads**
Ko-ordinazzjoni ta' Proġetti ta' Żvilupp Urban	Co-ordination of Urban Development Projects
Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta	Malta Transport Authority
Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali	**Minister for the Family and Social Solidarity**
Politika Soċjali	Social Policy
Politika tal-Familja	Family Policy
Politika dwar it-Tfal	Child Policy
Servizzi ta' Solidarjetà	Solidarity Services
Sigurtà Soċjali	Social Security
Akkomodazzjoni Soċjali	Social Housing
Ugwaljanza	Equality
It-23 ta' Marzu, 2004	23rd March, 2004
(COF/506/2004)	

Nru. 317

NOMINA TA' SEGRETARJU TAL-KABINETT

IL-PRIM Ministru nnomina lis-Sur Joseph F X Scicluna, BA, biex ikompli jkun is-Segretarju tal-Kabinett b'seħħ mit-23 ta' Marzu 2004.

L-24 ta' Marzu, 2004

No. 317

DESIGNATION OF SECRETARY TO THE CABINET

THE Prime Minister has designated Mr Joseph F X Sciluna, BA, to continue to be the Secretary to the Cabinet with effect from the 23rd March 2004.

24th March, 2004

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

527

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Atlas Insurance Agency Limited, 50, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex bħala rappreżentanti, tas-soċjetà estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Aron Stivala f'ismu propju u għan-nom tad-ditta Planet Travel ippreżentaw avviż fil-1 ta' Diċembru 2003 fejn talbu t-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut Christopher Gatt Florida, Solar Mansions, Flat 2, Triq il-Karmnu, San Ġiljan iħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm1,150.30 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Atlas Insurance Agency Limited, 50, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex as a representative of the foreign commercial entity, AXA Insurance plc, as subrogated in the rights of her assured client Aron Stivala in his own name and in the name of the commercial entity Planet Travel filed a notice on the 1st December 2003 against Christopher Gatt Florida, Solar Mansions, Flat 2, Triq il-Karmnu, St Julians wherein they requested the Tribunal to condemn the defendant to pay the plaintiff company the sum of Lm1,150.30 for the reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

Il-kawża (Avviż Numru 2393/03 AJD) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tas-26 ta' Marzu 2004.

The case (Notice Number 2393/03 AJD) has been adjourned for the sitting of the 26th March 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 18 ta' Marzu 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 18th of March, 2004.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

ADV DR PAUL SANT B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

528

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Mirage Holdings Limited, Flamingo Showrooms, Cannon Road, Ħal Qormi, ippreżentaw avviż fil-11 ta' Lulju 2002 fejn talbu t-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta Lisa Pace, Flat 3, Paradise Flats, Triq il-Kalamari, il-Mellieħa tħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm187 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Mirage Holdings Limited, Flamingo Showrooms, Cannon Road, Qormi filed a notice on the 11th of July 2002 against Lisa Pace, Flat 3, Paradise Flats, Triq il-Kalamari, Mellieħa wherein they requested the Tribunal to condemn the defendant to pay the plaintiff company the sum of Lm187 for the reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

Il-kawża (Avviż Numru 1706/02 PM) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tas-26 ta' April 2004.

The case (Notice Number 1706/02 PM) has been adjourned for the sitting of the 26th April 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 17 ta' Marzu 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 17th of March, 2004.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

ADV DR PAUL SANT B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*